# *Marco Montebello (1915-1988)*



L-akbar riżors naturali li għandu pajjiżna hija l-ġebla tal-franka. Hija ġebla kemmxejn ratba u l-aktar li tintuża fl-industrija tal-bini. Minħabba l-fraġilità tal-ġebla tagħna, ma hu qatt faċli li taħdem fiha. L-iskultura fil-ġebla trid issir b'attenzjoni kbira għax bl-inqas daqqa żejda tista' tħassar ix-xogħol kollu. Barra minn hekk, meta jsir xogħol fuq ġebla sħiħa, bħalma l-istess jista' jingħad għall-irħam u l-injam, ix-xogħol huwa differenti minn meta timmudella b'xi tafal jew materjal ieħor fejn żball jista' jitħassar billi żżid il-materjal. Wieħed mill-aktar nies li għamlu isem għax-xogħol fil-ġebla tagħna huwa bla dubju ta' xejn Marco Montebello li għadda ħajtu joħloq l-isbaħ suriet li jżejjnu lil pajjiżna u jgħanu l-kultura tagħna.

Marco Montebello twieled f'Ħal Qormi nhar id-9 ta' Jannar 1915. Huwa kien il-kbir fost żewġt aħwa, ulied Ġanni minn Ħal Qormi u Ġużeppa mwielda l ammit miż-l urrieq. Oħtu jisimha Catherine. Nannuh u zijuh min-naħa ta' ommu kienu t-tnejn skulturi, minbarra li kienu involuti anke fil-banda. Missier ommu, Karmenu l ammit li kien surmast tal-banda, kien ħadem xi statwi fil-ġebla għall-faċċati tal-knejjes tal-Gudja u tas-Siġġiewi. Ħu ommu, Antonio l ammit, kien għamel xi statwi għall-faċċata tal-knisja ta' Raħal Ġdid minbarra li kien jaħdem ħafna dekorazzjonijiet fil-ġebla.

F'dan l-ambjent ta' skultura, it-tfajjel Marco kien jinteressa ruħu ħafna fid-disinn u kien iħobb jilgħab bil-karti u jaqta' disinni li wrew il-kapaċità artistika tiegħu. Meta kellu xi tnax-il sena, kien ħadem statwa ta' San Ġorġ fil-ġebla u tant ingħoġbot li n-nies ta' Ħal Qormi bdew iqabbduh jagħmel aktar minnhom.

Meta kien jattendi l-Iskola Primarja ta' Ħal Qormi, kien jgħallmu d-disinn Ramiro Calì li mill-ewwel intebaħ bil-kapaċità li kellu t-tfajjel Marco, kompla ħarrġu u ħajru wkoll jidħol jitgħallem aktar fl-Iskola ta' l-Arti fil-Belt. Hemm huwa tgħallem ħafna taħt id-direzzjoni ta' Robert Caruana Dingli fuq id-disinn u Antonio Micallef fuq il-mudellatura. B'kollox għamel ftit inqas minn erba' snin jattendi din l-iskola.

Meta fl-1937 kien ħadem statwa ta' Marija mtella' s-sema għal fuq qabar privat, ismu sar aktar popolari tant li ġabuh anke fuq ġurnal lokali u ħafna nies bdew ifittxuh għax-xogħol. Huwa kien jaħdem l-ewwel f'ħanut ħdejn l-erba' qaddisin f'Ħal-Qormi, imbagħad kien mar eżatt quddiem iċ-ċimiterju ta' l-Addolorata. Wara kien ħa post il-Belt il-Ġdida, viċin fejn illum hemm il-Malta Shipbuilding u fl-

aħħar kien jaħdem fi Triq il-Foss Raħal ġdid, viċin fejn kellu t-tieni ħanut tiegħu.

Fl-1939, ix-xogħol laqgħu ma' l-iskultur ta' fama Antonio Sciortino meta Marco kien qiegħed jaħdem fuq il-kappella tal-Palazz tal-Inkwiżitur tal-Birgu u Sciortino kien qed jissorvelja x-xogħol. Meta Sciortino ra kif jaħdem Montebello, li kien espert fl-arkitettura klassika, huwa introduċieh biex jaħdem xi statwi għall-knisja ta' Ħ'Attard fuq buzzetti ta' ħuh Francesco Saverio Sciortino.

Fi żmien il-gwerra, Marco kien maqbud bil-lieva iżda minħabba li l-awtoritajiet Ingliżi indunaw bit-talenti tiegħu, xorta tawh xogħol ta' skultura. Huwa ngħata r-rank ta' Surġent u kienu tawh miegħu xi nies biex jieħu ħsiebhom jaħdmu. Fost dawn in-nies kien hemm anke priġunieri tal-gwerra.

Ix-xogħlijiet ta' Montebello huma ħafna u varji. Kien ħadem l-istatwa ta' Santu Wistin li hemm f'niċċa maġenb il-knisja ddedikata lill-istess qaddis fil-Belt Valletta minbarra xogħol ta' restawr fl-istess tempju li kellu ħsarat kbar wara l-gwerra. Kien ħadem ukoll żewġt istatwi għall-Agostinjani tar-Rabat, statwi ta' San Anton u ta' Santu Wistin li hemm fil-pjazza tal-knisja.

Huwa ħadem ukoll l-istatwa ġganteska ta' San Franġisk li hemm fuq il-kampnar tal-knisja ta' Villambrosa fil-Ħamrun. Kien skolpixxa wkoll il-Bieb ta' l-Imdina minn wara, fejn hemm it-tliet qaddisin protetturi ta' Malta, San Pawl, Sant'Agata u San Publiju.

Il-Madonna fuq il-luzzu li hemm fuq il-faċċata tal-knisja ta' Marsaxlokk hija wkoll xogħol Montebello u tassew tixraq f'dak ir-raħal tas-sajjieda. Il-gallarija ta' l-orgni fil-Bażilika ta' l-Isla hija xogħol imprezzabbli kif inhu l-Anġlu li hemm fl-oratorju ta' l-istess knisja. L-istess jista' jingħad għall-istatwa tal-Papa Alessandru VII li hemm f'Ħaż-Żabbar u għall-istatwi ta' San Pietru u San Pawl li jżejnu l-faċċata tal-knisja parrokkjali ta' San Bastjan f'Ħal-Qormi.

**Kapolavur**

Iżda forsi l-kapulavur ta' Montebello huma l-istatwi ta' l-Appostli li hemm taħt il-portiku u fuq iz-zuntier tal-knisja rotunda tal-Mosta.

Marco ħadem ukoll għadd ta' dekorazzjonijiet fil-ġebla minbarra statwi u disinni għal fuq l-oqbra. Huwa ħadem ukoll bażi dekorattiva biex fuqha tqiegħed l-arloġġ tax-xemx li hemm fin-National Rose Museum f'Londra. Dan ma kienx l-uniku xogħol li Marco ħadem għal barra minn Malta għax fost oħrajn hemm ukoll statwa ta' San Franġisk fl-Awstralja kif ukoll oħra ta' Marija Assunta li ttieħdet l-Indja.

Ix-xogħol ta' Marco Montebello huwa apprezzat minn ħafna u fost oħrajn kien anke kiteb fuqu Ġużè' Cardona, ħabib tiegħu mit-tfulija. Marco kien ħadem ukoll bust ta' Ġużè' li għadu jżejjen is-salott tal-familja Cardona.

Marco Montebello kien miżżewweġ darbtejn. L-ewwel żwieġ tiegħu kien seħħ fl-1940 ma' Marija mwielda Mangion minn Ħal-Qormi u minn dak iż-żwieġ kellhom

ulied, Doris u Tarcisio. Wara l-mewt ta' Marija, kien reġa' żżewweġ fl-1950 lil Rosina mwielda lammit minn Ħal-Qormi, wkoll u kellhom lil John u George. Mill-erba' wliedu, Tarcisio u John ħadu l-linja ta' missierhom fl-iskultura. Marco, mal-familja, kien joqgħod l-ewwel f'Ħal-Qormi, imbagħad f'Ħal-Tarxien u fl-aħħar f'Raħal Ġdid.

Bħala karattru, Marco kien bniedem ferrieħi, kwiet u kappaċi jingrana ma' kulħadd. Kien iħobb jiċċajta u jitħallat man-nies. Kien raġel umli u qatt ma ftaħar b'xogħlu, anzi kien iżomm lura u kien auto kritiku kbir. Huwa qatt ma kien jiddejjaq jgħallem dwar dak li kien jaf lil ħaddieħor.

Bħala passatempi, Marco kien iħobb ħafna l-opra lirika u l-kompożitur favorit tiegħu kien Giuseppe Verdi. Passatemp ieħor li kien xi ħaġa regolari f'ħajtu kien il-qari. Huwa maħsub li Marco kien iqatta' bejn tlieta u erba' siegħat kuljum jaqra. Kien jorqod kmieni biex iqum kmieni jaqra. Kien jippreferi kotba dwar l-arti, l-istorja u biografiji diversi. Kien iħobb ukoll imur jistad bil-frejgatina li kien jorbot il-Menqa u aktar tard fil-Bajja ta' San Tumas taż-lejtun.

Marco ma kellu orarju qatt. Rari kien jippjana xi ħaġa bil-ħin speċjalment fejn jidħol xogħlu. Kien jaħdem skond il-muża u meta ma kienx ikollu aptit jaħdem kien jintefa' jaqra. Iżda meta kien jaħdem, kien jagħmel dan b'imħabba, b'kalma kbira u b'dedikazzjoni tant li ħadd u xejn ma seta' jfixklu. Kien kappaċi jitkellem man-nies waqt li jiskolpixxi u minkejja d-diskursata, moħħu kien jibqa' hemm.



Marco Montebello miet nhar it-12 ta' Lulju 1988 fl-eta' ta' 73 sena u ndifen f'qabar li kien għamel hu stess. Ix-xogħlijiet tiegħu jibqgħu jżejjnu l-inħawi ta' madwarhom u joffru ċertu rilassament, xempju ta' karattru ta' artist realistiku li għex il-ħajja b'mod sempliċi u bla ebda pretensjoni ta' xejn.

